Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 433/2012**

tat-23 ta' Mejju 2012

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi skema ta' kontroll u infurzar applikabbli fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-kooperazzjoni multilaterali fil-ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal

(ĠU L 136, 25.5.2012, p. 41)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/746 tal-11 ta' Mejju 2015	L 119	3	12.5.2015
►M2	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/145 tat-3 ta' Frar 2020	L 31	1	4.2.2020

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 433/2012

tat-23 ta' Mejju 2012

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi skema ta' kontroll u infurzar applikabbli fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-kooperazzjoni multilaterali fil-ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "messaġġ dwar il-pożizzjoni" tfisser ir-rapport dwar il-pożizzjoni ta' bastiment li jiġi trażmess awtomatikament mill-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita tal-bastiment liċ-Ċentru tal-Monitoraġġ tas-Sajd tal-Istat Membru tal-bandiera.

(b) "rapport dwar il-pożizzjoni" tfisser ir-rapport miktub mill-kaptan ta' bastiment kif previst fl-Artikolu 25 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 ([1]).

(c) "numru CFR" tfisser in-numru ta' identifikazzjoni tar-Reġistru tal-Flotta tal-Komunità tal-bastiment kif imsemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 26/2004 ([2]).

Artikolu 2

Punti ta' Kuntatt

1. L-Istati Membri għandhom jibagħtu t-tagħrif rigward il-punti ta' kuntatt, kif imsemmi fl-Artikolu 4(3) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010, lis-Segretarju tan-NEAFC u lill-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (l-Aġenzija) f'format li jinqara bil-kompjuter.

2. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw it-tagħrif imsemmi fil-paragrafu 1 fuq il-parti sikura tal-websajt stabbilita mill-Artikoli 114 u 116 tar-Regolament (UE) Nru 1224/2009.

KAPITOLU II

MIŻURI TA' MONITORAĠĠ

Artikolu 3

Parteċipazzjoni tal-Unjoni

1. Il-lista msemmija fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010 għandha tinkludi l-bastimenti awtorizzati sabiex jistadu għal riżorsa waħda regolata jew aktar, imqassma skont l-ispeċi.

([1]) ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1.
([2]) ĠU L 5, 9.1.2004, p. 25.

▼B

Fejn ikun applikabbli, il-lista għandha tirreferi għan-numru CFR allokat lil kull bastiment.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni, permezz tal-kompjuter, dwar il-bastimenti li l-awtorizzazzjoni tagħhom biex jistadu fiż-Żona Regolatorja ġiet irtirata jew sospiża.

Artikolu 4

Reġistrazzjoni tal-qabdiet

1. Minbarra t-tagħrif speċifikat fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, il-ġurnal ta' abbord tas-sajd imsemmi fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010 għandu jinkludi t-tagħrif stabbilit fil-Parti A tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. Il-ġurnal ta' abbord tal-produzzjoni msemmi fl-Artikolu 8(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010 għandu jkun kif stabbilit fil-Parti B tal-Anness I.

3. Il-pjan tal-istivar imsemmi fl-Artikolu 8(2) u (3) għandu jkun kif stabbilit fil-Parti C tal-Anness I.

4. Il-kodiċi li għandu jintuża għal kull speċi huwa l-kodiċi stabbilit mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) kif stabbilit fl-Anness II.

Artikolu 5

Rappurtar tal-qabdiet ta' riżorsi regolati u tal-pożizzjoni

L-Istati Membri għandhom jużaw il-format u l-ispeċifikazzjonijiet għat-trażmissjonijiet lis-Segretarju tan-NEAFC skont l-Aritkoli 9 u 11 tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010 kif stabbilit fl-Anness III.

Artikolu 6

Rappurtar globali tal-qabdiet

L-Istati Membri għandhom jittrażmettu d-dejta skont l-Artikolu 10, il-paragrafi 1 u 2 tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010 fil-format XML.

KAPITOLU III

SPEZZJONIJIET

Artikolu 7

Korp maħtur

L-Aġenzija hija maħtura biex:

(a) tikkoordina l-attivitajiet ta' sorveljanza u spezzjoni msemmija fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010;

▼B

(b) tirċievi, tibgħat u tittrażmetti ‘l quddiem in-notifiki msemmija fl-Artikolu 18(2), l-Artikolu 19(1) u l-Artikolu 20(9) tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010;

(c) iżżomm ir-reġistru imsemmi fl-Artikolu 18(4) tar-Regolament (KE) Nru 1236/2010.

Artikolu 8

Identifikazzjoni tal-ispetturi u tal-mezzi ta’ spezzjoni

1. Id-dokument speċjali tal-identità msemmi fl-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010 għandu jkun skont il-mudell stabbilit fil-Parti A tal-Anness IV.

2. Is-sinjal speċjali ta’ spezzjoni msemmi fl-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010 għandu jkun skont il-mudell stabbilit fil-Parti B tal-Anness IV.

Artikolu 9

L-attivitajiet ta' spezzjoni

L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Aġenzija t-tagħrif relatat mad-data u s-siegħa tal-bidu u t-tmiem tal-attivitajiet tal-bastimenti u tal-inġenji tal-ajru ta' spezzjoni msemmija fl-Artikolu 18(4) tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010 skont il-mudell stabbilit fl-Anness V.

Artikolu 10

Proċedura ta' sorveljanza

1. Ir-rapporti ta’ avvistament imsemmija fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010 għandhom ikunu skont il-mudell stabbilit fil-Parti A tal-Anness VI.

2. Ir-rapporti ta’ sorveljanza msemmija fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010 għandhom ikunu skont il-mudell stabbilit fil-Parti B tal-Anness VI.

Artikolu 11

Rapporti ta' spezzjoni

Ir-rapporti ta' spezzjoni msemmija fl-Artikolu 20(9) tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010 għandhom jinkitbu skont il-mudell stabbilit fl-Anness VII.

KAPITOLU IV

KONTROLL MILL-ISTAT TAL-PORT

Artikolu 12

Notifika minn qabel dwar dħul fil-port

In-notifika minn qabel imsemmija fl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010 għandha ssir permezz tal-formola tal-Kontroll mill-Istat tal-Port (PSC) ipprovduta fl-Anness VIII bil-Parti A mimlija kif ġej:

▼M1

(a) il-formola PSC 1 għandha tintuża meta l-bastiment ikun qed iġorr il-qabdiet tiegħu stess;

(b) il-formola PSC 2 għandha tintuża meta l-bastiment ikun involut f'operazzjonijiet ta' trażbord, biex jingħata tagħrif separat għall-qabdiet minn kull bastiment donatur.

L-Artikolu 13

1. Meta titlesta n-notifika minn qabel skont l-Artikolu 25(1) tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jimla l-Parti B tal-formola PSC pprovduta fl-Anness VIII.

2. Meta titlesta n-notifika minn qabel skont l-Artikoli 25(2) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010, l-Istat Membru tal-Port għandu jimla l-Parti C tal-formola PSC pprovduta fl-Anness VIII.

▼B

Artikolu 14

Rapporti ta' spezzjoni fil-port

Ir-rapporti ta' spezzjoni msemmija fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010 għandhom jinkitbu skont il-formola stabbilita fl-Anness IX u għandhom jintbagħtu lis-Segretarju tan-NEAFC flimkien ma' kopja lill-Kummissjoni.

KAPITOLU V

KONTRAVENZJONIJIET

Artikolu 15

Korp maħtur

L-Aġenzija hija maħtura biex tirċievi, tibgħat u titrażmetti 'l quddiem it-tagħrif imsemmi fl-Artikoli 29, 30, 32, 33, 34, 36 u 43 tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010.

KAPITOLU VI

DEJTA

TAQSIMA 1

Komunikazzjoni tad-dejta

▼M2

Artikolu 16

Komunikazzjoni lis-Segretarju tan-NEAFC

1. Il-formati għall-iskambju tad-*data* u s-sistemi ta' komunikazzjoni tad-*data* msemmijin fl-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010 li għandhom jintużaw għat-trażmissjoni tar-rapporti u tat-tagħrif lis-Segretarju tan-NEAFC għandhom ikomplu jikkonformaw mar-regoli stabbiliti fl-Anness X ta' dan ir-Regolament sad-data msemmija fil-paragrafu 3; il-kodiċijiet korrispondenti li għandhom jintużaw fil-komunikazzjoni mas-Segretarju tan-NEAFC huma hekk kif stabbilit fl-Anness XI.

▼M2

2. Sal-1 ta' Novembru 2020, l-Istati Membri għandhom ilestu t-tħejjijiet tekniċi kollha li hemm bżonn biex ikunu jistgħu jużaw il-formati għall-iskambju tad-*data* u s-sistemi ta' komunikazzjoni tad-*data* li ġejjin għat-trażmissjoni tar-rapporti u tat-tagħrif lis-Segretarju tan-NEAFC:

(a) għall-iskambju tad-*data* tal-ġurnali ta' abbord dwar is-sajd, tad-*data* tan-notifiki minn qabel, tad-*data* tad-dikjarazzjonijiet ta' trasbord u tad-*data* tad-dikjarazzjonijiet ta' ħatt l-art, il-format għandu jkun id-Definizzjoni tal-Iskema XML għad-Dominju tal-Attivitajiet tas-Sajd abbażi tal-istandard P1000-3 tal-UN/FLUX. L-iskambju tad-*data* għandu jkun konformi mad-Dokument ta' Implimentazzjoni tal-FLUX b'rabta mal-Attivitajiet tas-Sajd li adottat in-NEAFC;

(b) għar-rappurtar tad-*data* tas-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti, il-format għandu jkun id-Definizzjoni tal-Iskema XML għad-Dominju tal-Pożizzjoni tal-Bastimenti abbażi tal-istandard P1000-7 tal-UN/FLUX. L-iskambju tad-data għandu jkun konformi mad-Dokument ta' Implimentazzjoni tal-FLUX b'rabta mal-Attivitajiet tas-Sajd li adottat in-NEAFC.

3. L-Istati Membri għandhom jużaw il-formati għall-iskambju tad-*data* u s-sistemi ta' komunikazzjoni tad-*data* msemmijin fil-paragrafu 2 mid-data li għandha tibagħtilhom il-Kummissjoni wara li n-NEAFC tkun iddeċidiet dwar dan. L-iskambji tad-*data* għandhom ikunu konformi mad-Dokumenti ta' Implimentazzjoni tal-FLUX li adottat in-NEAFC.

4. B'deroga mill-paragrafi 1 u 3, l-Istati Membri jistgħu jużaw il-format għall-iskambju tad-*data* msemmi fil-paragrafu 2(b) biex jibagħtu d-*data* tas-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti minn meta jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bid-data minn meta se jibda jintuża l-format il-ġdid għall-iskambju tad-*data*.

▼B

TAQSIMA 2

Sigurtà u Kunfidenzjalità tad-dejta

Artikolu 17

Dispożizzjonijiet komuni dwar is-sigurtà u l-kunfidenzjalità tad-dejta

1. Din it-Taqsima tistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-kunfidenzjalità għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010. Għandha tapplika għar-rapporti u l-messaġġi elettroniċi kollha skont dan ir-Regolament bl-eċċezzjoni tar-rappurtar globali tal-qabdiet imsemmi fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.

2. Kull Stat Membru għandu, fejn ikun meħtieġ, fuq it-talba tas-Segretarju tan-NEAFC, jirratifika jew iħassar rapporti jew messaġġi li ma ġewx ipproċessati b'mod konformi mar-Regolament (KE) Nru 1236/2010 u ma' dan ir-Regolament.

3. Ir-rapporti u l-messaġġi elettroniċi għandhom jintużaw biss għall-finijiet speċifikati fl-Iskema stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1236/2010.

▼B

Artikolu 18

Dejta mill-ispezzjonijiet

1. L-Istati Membri li jwettqu spezzjoni jistgħu jżommu u jaħżnu r-rapporti u l-messaġġi elettroniċi trażmessi mis-Segretarju tan-NEAFC sa 24 siegħa wara t-tluq tal-bastimenti, li għalihom tkun tirreferi d-dejta, miż-Żona Regolatorja mingħajr dħul mill-ġdid. It-tluq jitqies li jkun sar sitt sigħat wara t-trażmissjoni tal-ħsieb tal-ħruġ miż-Żona Regolatorja.

2. L-Istati Membri li jwettqu spezzjoni għandhom jiżguraw l-ipproċessar sikur tar-rapporti u l-messaġġi elettroniċi fis-sistemi elettroniċi tal-ipproċessar tad-dejta rispettivi tagħhom, b'mod partikolari fejn l-ipproċessar jinvolvi trażmissjoni fuq netwerk.

3. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri ta' teknika u ta' organizzazzjoni xierqa għall-protezzjoni ta' rapporti u ta' messaġġi elettroniċi kontra t-tħassir aċċidentali jew illegali jew telf aċċidentali, tibdil, żvelar jew aċċess mhux awtorizzat u kontra kull tip ta' pproċessar.

4. Ir-rapporti u l-messaġġi elettroniċi tal-Istati Membri li jwettqu spezzjoni għandhom ikunu disponibbli għall-finijiet ta' spezzjoni u biss għall-ispetturi assenjati għall-Iskema stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1236/2010.

Artikolu 19

Sistemi tal-ipproċessar tad-dejta

1. Is-sistemi tal-ipproċessar tad-dejta użati mill-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom ikunu konformi mal-ħtiġijiet minimi tas-sigurtà stabbiliti fil-Parti A tal-Anness XII.

2. Għas-sistemi ewlenin tal-kompjuters tagħhom, l-Istati Membri għandhom jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-Parti B tal-Anness XII.

3. Għandu jintuża l-protokoll *http* għall-komunikazzjoni ta' dejta koperta mill-Iskema stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1236/2010. Meta tiġi kkomunikata dejta bħal din, iridu jiġu applikati l-protokolli ta' kriptaġġ xierqa sabiex jiġu żgurati l-kunfidenzjalità u l-awtentiċità.

4. Il-limitazzjoni tal-aċċess għad-dejta għandha tiġi żgurata permezz ta' mekkaniżmu flessibbli ta' passwords u ta' identifikazzjoni tal-utent. Kull utent għandu jingħata aċċess biss għad-dejta meħtieġa għall-ħidma tiegħu/tagħha.

5. L-istandards tekniċi għall-iskambju elettroniku tad-dejta bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Aġenzija jistgħu jiġu stabbiliti f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Aġenzija.

▼B

KAPITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 20

Revoka

Ir-Regolament (KE) Nru 1085/2000 huwa rrevokat.

Artikolu 21

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha

▼B

ANNESS I

REĠISTRAZZJONI TAL-QABDA

A. **Reġistrazzjonijiet fil-ġurnal ta' abbord**

Element tad-Dejta	Kodiċi	Obbligatorju/ Fakultattiv	Rimarki
Tagħrif dwar dħul fiż-Żona Regolatorja			
Data	DA	O	Dettall tal-attività; data tad-dħul fiż-Żona Regolatorja
Ħin tad-dħul	TI	O	Dettall tal-attività; ħin tad-dħul fiż-Żona Regolatorja
Post			Dettall tal-attività; pożizzjoni tad-dħul fiż-Żona Regolatorja
Latitudni	LA	O	pożizzjoni fil-ħin tad-dħul
Lonġitudni	LO	O	pożizzjoni fil-ħin tad-dħul
Kwantità abbord	OB		Dettall tal-attività; kwantità abbord skont l-ispeċi
Isem l-ispeċi (1)		O	Il-kodiċi tal-FAO tal-ispeċijiet għall-ispeċijiet elenkati fl-Anness II
Kwantità (1)		O	Piż ħaj f'kilogrammi
Qabdiet għal kull refgħa jew operazzjoni tas-sajd			
Post tas-sajd			Dettall tal-attività; pożizzjoni
Latitudni	LA	O (2)	Pożizzjoni meta tibda l-operazzjoni tas-sajd
Lonġitudni	LO	O (2)	Pożizzjoni meta tibda l-operazzjoni tas-sajd
Ħin	TI	O (2)	Dettall tal-attività; ħin meta tibda l-operazzjoni tas-sajd
Qabda	CA		Dettall tal-attività; qabda miżmuma abbord għal kull operazzjoni tas-sajd skont l-ispeċi
Speċi (1)		O (2)	Il-kodiċi tal-FAO tal-ispeċijiet għall-ispeċijiet elenkati fl-Anness II
Kwantità (1)		O (2)	Piż ħaj f'kilogrammi
Fond tas-sajd	FD	O (3)	Distanza minn wiċċ l-ilma sal-aktar parti baxxa tal-irkaptu tas-sajd (f'metri).
Tagħrif ta' kuljum			
Għadd totali ta' refgħat/operazzjonijiet tas-sajd matul il-ġurnata	FO	O (4)	Dettall tal-attività; għadd ta' operazzjonijiet tas-sajd f'kull perjodu ta' 24 siegħa
Qabda mormija	RJ		Dettall tal-attività; kwantità maqbuda jew skartata skont l-ispeċi
Speċi		O	Il-kodiċi tal-FAO tal-ispeċijiet
Kwantità		O	Piż ħaj f'kilogrammi
Qabda Kumulattiva	CC		Dettall tal-attività; il-qabda kumulattiva stmata mid-dħul fiż-Żona Regolatorja skont l-ispeċi.
Speċi (1)		O	Il-kodiċi tal-FAO tal-ispeċijiet għall-ispeċijiet elenkati fl-Anness II
Kwantità (1)		O	Piż ħaj f'kilogrammi

▼B

Element tad-Dejta	Kodiċi	Obbligatorju/ Fakultattiv	Rimarki
Tagħrif dwar it-trażbordi			
Data	DA	O	Dettall tal-attività; data/i tat-trażbordi
Trażbordi	KG		Dettall tal-attività; kwantitajiet skont l-ispeċi li tgħabbew jew li nħattu fiż-Żona Regolatorja
Speċi (1)		O	Il-kodiċi tal-FAO tal-ispeċijiet għall-ispeċijiet elenkati fl-Anness II
Kwantità (1)		O	Piż ħaj f'kilogrammi
Ittrażbordat lil	TT	O	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; Kodiċi tar-radju tal-bastiment riċevitur
Ittrażbordat minn	TF	O	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; Kodiċi tar-radju tal-bastiment donatur
Tagħrif dwar it-trażmissjonijiet tar-rapporti			
Data	DA	O	Dettall tal-messaġġ; data tat-trażmissjoni tar-rapport
Ħin	TI	O	Dettall tal-messaġġ; ħin tat-trażmissjoni tar-rapport (UTC)
Trażmissjoni użata	TU	O (4)	Dettall tal-messaġġ; isem l-istazzjon tar-radju li permezz tiegħu qed jiġi trażmess ir-rapport
Tip tar-rapport	TM	O	Dettall tal-messaġġ;
Tagħrif dwar ħruġ miż-Żona Regolatorja			
Ħin	TI	O	Dettall tal-attività; ħin tal-ħruġ (UTC)
Data	DA	O	Dettall tal-attività; data tal-ħruġ
Pożizzjoni			Dettall tal-attività; pożizzjoni tal-ħruġ miż-Żona Regolatorja
Latitudni	LA	O	pożizzjoni fil-ħin tal-ħruġ
Lonġitudni	LO	O	pożizzjoni fil-ħin tal-ħruġ
Qabda Kumulattiva abbord	OB		Dettall tal-attività; qabdiet kumulattivi miżmuma abbord skont l-ispeċi
Speċi (1)		O	Il-kodiċi tal-FAO tal-ispeċijiet għall-ispeċijiet elenkati fl-Anness II
Kwantità (1)		O	Piż ħaj f'kilogrammi
Isem il-kaptan u l-firma tiegħu	MA	O	

(1) Meta l-qabdiet jaqbżu 50 kg għandha tiġi rreġistrata kull speċi
(2) Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-bastimenti tas-sajd tiegħu jirreġistraw dan it-tagħrif kuljum, jew għal kull refgħa jew għal kull operazzjoni tas-sajd jew għat-tnejn
(3) Obbligatorju meta jkun meħtieġ minħabba miżuri speċifiċi ta' ġestjoni
(4) Obbligatorju biss jekk jintuża l-istazzjon tar-radju.

B. **Ir-reġistrazzjonijiet tal-produzzjoni fil-ġurnal ta' abbord**

Element tad-Dejta	Kodiċi	Obbligatorju/ Fakultattiv	Rimarki
1. **Identità tal-bastiment** (1)			
Kodiċi tar-radju	RC	O	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; Kodiċi Internazzjonali tar-Radju
Isem il-bastiment	NA	F	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; isem il-bastiment

▼B

Element tad-Dejta	Kodiċi	Obbligatorju/ Fakultattiv	Rimarki
Numru ta' referenza Intern tal-Parti Kontraenti	IR	F	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; in-numru uniku tal-bastiment tal-Parti Kontraenti bħala kodiċi tal-Istat tal-bandiera 3-alfa segwit minn numru
Numru tar-reġistrazzjoni estern tal-bastiment	XR	F	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; in-numru tal-ġenb tal-bastiment jew in-numru tal-IMO fin-nuqqas tan-numru tal-ġenb
2. **Tagħrif dwar il-produzzjoni**			
Data	DA	O	Dettall tal-attività; data tal-produzzjoni
Kwantità prodotta	QP		Dettall tal-attività; kwantità prodotta skont l-ispeċi kuljum
Isem l-ispeċi		O	Il-kodiċi tal-FAO tal-ispeċijiet
Kwantità		O	Piż totali tal-prodott f'kilogrammi
Tip ta' prodott		O	Kodiċi tat-tip tal-prodott (il-Parti E tal-Anness XI)
Kwantità		O	Piż tal-prodott f'kilogrammi Kodiċi tat-tip tal-prodott u piż tal-prodott: uża kemm-il par meħtieġ biex tkopri l-prodotti kollha
Produzzjoni kumulattiva tal-perjodu	AP		Dettall tal-attività; il-kwantità totali prodotta mid-dħul fiż-Żona Regolatorja skont l-ispeċi
Isem l-ispeċi		O	Il-kodiċi tal-FAO tal-ispeċijiet
Kwantità		O	Piż totali tal-prodott f'kilogrammi
Tip ta' prodott		O	Kodiċi tat-tip tal-prodott (il-Parti E tal-Anness XI)
Kwantità		O	Piż tal-prodott tal-prodott f'kilogrammi Kodiċi tat-tip tal-prodott u piż tal-prodott: uża kemm-il par meħtieġ biex tkopri l-prodotti kollha
3. **Tagħrif dwar l-ippakkjar**			
Isem l-ispeċi	SN	F	Dettall tal-attività; kodiċi tal-FAO tal-ispeċi
Kodiċi tal-prodott	PR	F	Dettall tal-attività; kodiċi tal-prodott (il-Parti E tal-Anness XI)
Tip ta' ppakkjar	TY	F	Dettall tal-attività; tip ta' ppakkjar (il-Parti F tal-Anness XI)
Piż għal kull unità	NE	F	Dettall tal-attività; piż totali nett tal-prodott f'kilogrammi
Għadd ta' unitajiet	NU	F	Dettall tal-attività; għadd ta' unitajiet ippakkjati
4. **Isem il-kaptan u l-indirizz tiegħu**	MA	O	

([1]) Minbarra l-Kodiċi tar-radju, element wieħed tal-identità tal-bastiment huwa obbligatorju.

C. **Pjan tal-Istivar**

1. Qabdiet proċessati għandhom jiġu stivati u mmarkati b'tali mod li l-istess speċijiet u kategoriji tal-prodotti u l-kwantitajiet ikunu jistgħu jiġu identifikati meta jkunu stivati f'partijiet differenti tal-istiva.

2. Pjan tal-istivar għandu juri l-post tal-prodotti fl-istivi kif ukoll il-kwantitajiet, f'kilogrammi, tal-prodotti abbord.

3. Il-pjan tal-istivar għandu jiġi aġġornat kuljum għall-ġurnata ta' qabel jiġifieri minn 0000 (UTC) sa 2400 (UTC).

▼B

ANNESS II

LISTA TA' SPEĊIJIET

Kodiċi 3-Alfa tal-FAO	Isem komuni	Isem Xjentifiku
ALF	Alfonsinos	*Beryx* spp.
ALC	Baird's slickhead	*Alepocephalus bairdii*
ANT	Antimora blu (Marlozz blu)	*Antimora rostrata*
API	Iceland catshark	*Apristuris* spp
ARG	Arġentina	*Argentina* spp.
BLI	Linarda	*Molva dypterygia*
BRF	Ċipullazza tal-għajn	*Helicolenus dactylopterus*
BSF	Ċinturin iswed	*Aphanopus carbo*
BSH	Ħuta kaħla	*Prionace glauca*
BSK	Gabdoll	*Cetorhinus maximus*
BSS	Spnott	*Dicentrarchus labrax*
CAP	Capelin	*Mallotus villosus*
CAS	Spotted wolffish	*Anarhichas minor*
CAT	Wolffish	*Anarhichas* spp.
CFB	Mazzola sewda	*Centroscyllium fabricii*
CMO	Fenek tal-Baħar (Rattail)	*Chimaera monstrosa*
COD	Merluzz tal-Atlantiku	*Gadus morhua*
COE	Gringu Ewropew	*Conger conger*
CYO	Mazzola Portugiża	*Centroscymnus coelolepis*
CYH	Fenek tal-Baħar b'għajnejh kbar (Ratfish)	*Hydrolagus mirabilis*
CYP	Longnose velvet dogfish	*Centroscymnus crepidater*
DCA	Mazzola (munqar l-għasfur)	*Deania calceus*
ELP	Eelpout	*Lycods esmarkii*
EPI	Black (Deep-water) cardinal fish	*Epigonus telescopus*
FOR	Lipp tal-qawwi (Forkhead)	*Phycis phycis*
GAM	Mouse catshark	*Galeus murinus*
GHL	Ħalibatt tal-Groenlandja	*Reinhardtius hippoglossoides*

▼B

Kodiċi 3-Alfa tal-FAO	Isem komuni	Isem Xjentifiku
GFB	Lipp abjad	*Phycis blennoides*
GSK	Greenland shark	*Somniosus microcephalus*
GUP	Żagħrun	*Centrophorus granulosus*
GUQ	Leafscale gulper shark	*Centrophorus squamosus*
HAD	Atlantic haddock	*Melanogrammus aeglefinus*
HAL	Ħalibatt tal-Atlantiku	*Hippoglossus hippoglossus*
HER	Aringa tal-Atlantiku	*Clupea harengus*
HOM	Sawrella komuni	*Trachurus trachurus*
HPR	Ġurdien tal-warda	*Hoplostethus mediterraneus*
HXC	Frilled shark	*Chlamydoselachus anguineus*
JAD	Norwegian skate	*Raja nidarosiensus*
KCD	Red king crab	*Paralithodes camtschaticus*
KEF	Deep-water red crab	*Chacon (Geyron) affinis*
LIN	Ling	*Molva molva*
LUM	Lumpfish	*Cyclopterus lumpus*
MAC	Kavall	*Scomber scombrus*
MOR	Moras	*Moridae*
ORY	Orange roughy	*Hoplosthethus atlanticus*
OXN	Sailfin roughshark (Sharpback shark)	*Oxynotus paradoxus*
PHO	Risso's smoothhead	*Alepocephalus rostratus*
PLA	Barbun tat-tbajja' Amerikan	*Hippoglossoides platessoides*
PLE	Barbun tat-tbajja'	*Pleuronectes platessa*
POC	Merluzz (Polari)	*Boreogadus saida*
POK	Pollakkju (saithe)	*Pollachius virens*
PRA	Gamblu tat-Tramuntana	*Pandalus borealis*
REB	Beaked redfish	*Sebastes mentella*
RED	Redfish (mhux speċifikat)	*Sebastes* spp.
REG	Golden redfish	*Sebastes marinus*
RHG	Roughhead grenadier	*Macrourus berglax*

▼B

Kodiċi 3-Alfa tal-FAO	Isem komuni	Isem Xjentifiku
RIB	Marlozz tal-Fond	*Mora moro*
RNG	Roundnose grenadier	*Coryphaenoides rupestris*
SBL	Murruna ta' sitt garġi	*Hexanchus griseus*
SBR	Bażuga kaħlija	*Pagellus bogaraveo*
SCK	Murruna sewda	*Dalatias licha*
SFS	Xabla	*Lepidopus caudatus*
SHL	Greater lanternshark	*Etmopterus princeps*
SHL	Mazzola tal-Fanal	*Etmopterus spinax*
SHO	Blackmouth dogfish	*Galeus melastomus*
RCT	Straightnose rabbitfish	*Rhinochimaera atlantica*
RJG	Arctic skate	*Raja hyperborea*
RJY	Round skate	*Raja fyllae*
SFV	Small redfish (Norway haddock)	*Sebastes viviparus*
SKA	Rebekkini	*Raja* spp.
SKH	Klieb il-baħar	*Selachimorpha*
SYR	Knifetooth dogfish	*Scymnodon ringens*
TJX	Spiny (Deep-sea) scorpionfish	*Trachyscorpia cristulata*
USK	Tusk	*Brosme brosme*
WHB	Stokkafixx	*Micromesistius poutassou*
WRF	Ħanżir tal-fond	*Polyprion americanus*

▼B

ANNESS III

RAPPURTAR TAL-QABDIET, TAT-TRAŻBORDI U TAL-POŻIZZJONIJIET

1) **Ir-Rapport tal-“QABDA MAD-DĦUL”**

Element tad-Dejta	Kodiċi	Obbligatorju /Fakultattiv	Rimarki
Bidu tar-reġistrazzjoni	SR	O	Dettall tas-sistema; jindika l-bidu tar-reġistrazzjoni
Indirizz	AD	O	Dettall tal-messaġġ; destinazzjoni “XNE” għan-NEAFC
Numru tas-Sekwenza	SQ	O	Dettall tal-messaġġ; in-numru tas-serje fis-sena attwali
Tip ta’ Messaġġ	TM	O	Dettall tal-messaġġ; tip ta' messaġġ, “COE” bħala rapport tal-Qabda mad-Dħul
Kodiċi tar-radju	RC	O	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; kodiċi internazzjonali tar-radju tal-bastiment
Numru tal-Vjaġġ	TN	F	Dettall tal-attività; in-numru tas-serje tal-vjaġġ tas-sajd fis-sena attwali
Isem il-Bastiment	NA	F	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; isem il-bastiment
Numru tar-reġistrazzjoni tal-flotta tal-Komunità (CFR)	IR	F	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment. Numru uniku tal-bastiment tal-Parti Kontraenti bħala Stat Membru (kodiċi alfa -3 ISO) segwit minn serje ta' identifikazzjoni (disa' karattri).
Numru Estern tar-Reġistrazzjoni	XR	F	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; in-numru tal-ġenb tal-bastiment jew in-numru tal-IMO fin-nuqqas tan-numru tal-ġenb
Latitudni	LA	O	Dettall tal-attività; pożizzjoni fil-ħin tat-trażmissjoni
Lonġitudni	LO	O	Dettall tal-attività; pożizzjoni fil-ħin tat-trażmissjoni
Kwantità abbord	OB		Dettall tal-attività; kwantità skont l-ispeċi abbord, f’pari jekk ikun meħtieġ.
speċi		O	Il-kodiċi tal-FAO tal-ispeċijiet
piż ħaj		O	Piż ħaj f’kilogrammi, aġġustat għall-eqreb 100 kilogramma.
Data	DA	O	Dettall tal-messaġġ; data tat-trażmissjoni
Ħin	TI	O	Dettall tal-messaġġ; ħin tat-trażmissjoni
Tmiem tar-reġistrazzjoni	ER	O	Dettall tas-sistema; jindika t-tmiem tar-reġistrazzjoni

2) **Ir-rapport tal-“QABDA”**

Element tad-Dejta	Kodiċi	Obbligatorju /Fakultattiv	Rimarki
Bidu tar-reġistrazzjoni	SR	O	Dettall tas-sistema; jindika l-bidu tar-reġistrazzjoni
Indirizz	AD	O	Dettall tal-messaġġ; destinazzjoni “XNE” għan-NEAFC

▼B

Element tad-Dejta	Kodiċi	Obbligatorju /Fakultattiv	Rimarki
Numru tas-Sekwenza	SQ	O	Dettall tal-messaġġ; in-numru tas-serje tal-messaġġ fis-sena attwali
Tip ta' Messaġġ	TM	O	Dettall tal-messaġġ; tip ta' messaġġ, "CAT" bħala rapport tal-Qabda
Kodiċi tar-radju	RC	O	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; kodiċi internazzjonali tar-radju tal-bastiment
Numru tal-Vjaġġ	TN	F	Dettall tal-attività; in-numru tas-serje tal-vjaġġ tas-sajd fis-sena attwali
Isem il-Bastiment	NA	F	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; isem il-bastiment
Numru tar-reġistrazzjoni tal-flotta tal-Komunità (CFR)	IR	F	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment. Numru uniku tal-bastiment tal-Parti Kontraenti bħala Stat Membru (kodiċi alfa -3 ISO) segwit minn serje ta' identifikazzjoni (disa' karattri).
Numru Estern tar-Reġistrazzjoni	XR	F	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; in-numru tal-ġenb tal-bastiment jew in-numru tal-IMO fin-nuqqas tan-numru tal-ġenb
Latitudni	LA	O ([1])	Dettall tal-attività; pożizzjoni fil-ħin tat-trażmissjoni
Lonġitudni	LO	O ([1])	Dettall tal-attività; pożizzjoni fil-ħin tat-trażmissjoni
Il-qabdiet kull ġimgħa	CA		Dettall tal-attività; qabda kumulattiva skont l-ispeċi miżmuma abbord, jew mill-bidu tas-sajd fiż-Żona Regolatorja ([2]) jew mill-aħħar rapport tal-"Qabda", f'pari skont kif ikun meħtieġ.
speċi		O	Il-kodiċi tal-FAO tal-ispeċijiet
piż ħaj		O	Piż ħaj f'kilogrammi, aġġustat għall-eqreb 100 kilogramma
Jiem tas-Sajd	DF	O	Dettall tal-attività; l-għadd ta' jiem tas-sajd fiż-Żona Regolatorja mill-bidu tas-sajd jew mill-aħħar rapport tal-"Qabda"
Data	DA	O	Dettall tal-messaġġ; data tat-trażmissjoni
Ħin	TI	O	Dettall tal-messaġġ; ħin tat-trażmissjoni
Tmiem tar-reġistrazzjoni	ER	O	Dettall tas-sistema; jindika t-tmiem tar-reġistrazzjoni

([1]) Fakultattiv jekk il-bastiment ikun soġġett għal sistema ta' sorveljanza bis-satellita skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010

([2]) Jiġifieri l-ewwel "Rapport tal-Qabda" fil-vjaġġ tas-sajd attwali fiż-Żona Regolatorja.

3) **Ir-Rapport tal-"QABDA MAL-HRUĠ"**

Element tad-Dejta	Kodiċi	Obbligatorju /Fakultattiv	Rimarki
Bidu tar-reġistrazzjoni	SR	O	Dettall tas-sistema; jindika l-bidu tar-reġistrazzjoni
Indirizz	AD	O	Dettall tal-messaġġ; destinazzjoni "XNE" għan-NEAFC
Numru tas-Sekwenza	SQ	O	Dettall tal-messaġġ; in-numru tas-serje tal-messaġġ fis-sena attwali
Tip ta' Messaġġ	TM	O	Dettall tal-messaġġ; "COX" bħala rapport tal-Qabda mal-Ħruġ

▼B

Element tad-Dejta	Kodiċi	Obbligatorju /Fakultattiv	Rimarki
Kodiċi tar-radju	RC	O	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; kodiċi internazzjonali tar-radju tal-bastiment
Numru tal-Vjaġġ	TN	F	Dettall tal-attività; in-numru tas-serje tal-vjaġġ tas-sajd fis-sena attwali
Isem il-Bastiment	NA	F	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; isem il-bastiment
Numru tar-reġistrazzjoni tal-flotta tal-Komunità (CFR)	IR	F	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment. Numru uniku tal-bastiment tal-Parti Kontraenti bħala Stat Membru (alfa -3 kodiċi ISO) segwit minn serje ta' identifikazzjoni (disa' karattri).
Numru Estern tar-Reġistrazzjoni	XR	F	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; in-numru tal-ġenb tal-bastiment jew in-numru tal-IMO fin-nuqqas tan-numru tal-ġenb
Latitudni	LA	O ([1])	Dettall tal-attività; pożizzjoni fil-ħin tat-trażmissjoni
Lonġitudni	LO	O ([1])	Dettall tal-attività; pożizzjoni fil-ħin tat-trażmissjoni
Qabda kull ġimgħa	CA		Dettall tal-attività; Qabda kumulattiva miżmuma abbord skont l-ispeċi, jew mill-bidu tas-sajd fiż-Żona Regolatorja ([2]) jew mill-aħħar rapport tal-"Qabda", f'pari skont kif ikun meħtieġ.
speċi		O	Kodiċi tal-FAO tal-ispeċijiet
piż ħaj		O	Piż ħaj f'kilogrammi, aġġustat għall-eqreb 100 kilogramma
Jiem tas-Sajd	DF	O	Dettall tal-attività; għadd ta' jiem tas-sajd fiż-Żona Regolatorja jew mill-bidu tas-sajd jew mill-aħħar rapport tal-"Qabda"
Data	DA	O	Dettall tal-messaġġ; data tat-trażmissjoni
Ħin	TI	O	Dettall tal-messaġġ; ħin tat-trażmissjoni
Tmiem tar-reġistrazzjoni	ER	O	Dettall tas-sistema; jindika t-tmiem tar-reġistrazzjoni

([1]) Fakultattiv jekk il-bastiment ikun soġġett għal sistema ta' sorveljanza bis-satellita skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010

([2]) Jiġifieri l-ewwel komunikazzjoni tal-qabdiet meħuda fiż-Żona Regolatorja fil-vjaġġ tas-sajd attwali

4) **Ir-Rapport tat-"TRAŻBORD"**

Element tad-Dejta	Kodiċi	Obbligatorju /Fakultattiv	Rimarki
Bidu tar-reġistrazzjoni	SR	O	Dettall tas-sistema; jindika l-bidu tar-reġistrazzjoni
Indirizz	AD	O	Dettall tal-messaġġ; destinazzjoni "XNE" għan-NEAFC
Numru tas-Sekwenza	SQ	O	Dettall tal-messaġġ; in-numru tas-serje tal-messaġġ fis-sena attwali
Tip ta' Messaġġ	TM	O	Dettall tal-messaġġ; it-tip ta' messaġġ, "TRA" bħala rapport tat-Trażbord
Kodiċi tar-radju	RC	O	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; kodiċi internazzjonali tar-radju tal-bastiment
Numru tal-Vjaġġ	TN	F	Dettall tal-attività; in-numru tas-serje tal-vjaġġ tas-sajd fis-sena attwali

▼B

Element tad-Dejta	Kodiċi	Obbligatorju /Fakultattiv	Rimarki
Isem il-Bastiment	NA	F	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; isem il-bastiment
Numru tar-reġistrazzjoni tal-flotta tal-Komunità (CFR)	IR	F	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment. Numru uniku tal-bastiment tal-Parti Kontraenti bħala Stat Membru (alfa -3 kodiċi ISO) segwit minn serje ta' identifikazzjoni (disa' karattri).
Numru Estern tar-Reġistrazzjoni	XR	F	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; in-numru tal-ġenb tal-bastiment jew in-numru tal-IMO fin-nuqqas tan-numru tal-ġenb
Kwantità li tgħabbiet jew li nħattet	KG		Kwantità skont l-ispeċi li tgħabbiet jew li nħattet fiż-Żona Regolatorja, f'pari skont kif ikun meħtieġ.
speċi		O	Il-kodiċi tal-FAO tal-ispeċijiet
piż ħaj		O	Piż ħaj f'kilogrammi, aġġustat għall-eqreb 100 kilogramma,
Trażbordat Lejn	TT	O ([1])	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; kodiċi internazzjonali tar-radju tal-bastiment riċevitur
Trażbordat Minn	TF	O ([1])	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; kodiċi internazzjonali tar-radju tal-bastiment donatur
Latitudni	LA	O ([2])	Dettall tal-attività; stima tal-latitudni fejn il-kaptan biħsiebu jagħmel it-trażbord.
Lonġitudni	LO	O ([2])	Dettall tal-attività; stima tal-lonġitudni fejn il-kaptan biħsiebu jagħmel it-trażbord.
Data Prevista	PD	O ([2])	Dettall tal-attività; stima tad-data UTC meta l-kaptan biħsiebu jagħmel it-trażbord (SSSSXXJJ)
Ħin Previst	PT	O ([2])	Dettall tal-attività; stima tal-ħin UTC meta l-kaptan biħsiebu jagħmel it-trażbord (SSMM)
Data	DA	O	Dettall tal-messaġġ; data tat-trażmissjoni
Ħin	TI	O	Dettall tal-messaġġ; ħin tat-trażmissjoni
Tmiem tar-reġistrazzjoni	ER	O	Dettall tas-sistema; jindika t-tmiem tar-reġistrazzjoni

([1]) Skont liema minn dawn ikun xieraq
([2]) Fakultattiv għar-rapporti li jintbagħtu mill-bastiment riċevitur wara t-trażbord.

5) **Rapport/messaġġ tal-"POŻIZZJONI"**

Element tad-Dejta	Kodiċi	Obbligatorju /Fakultattiv	Rimarki
Bidu tar-reġistrazzjoni	SR	O	Dettall tas-sistema; jindika l-bidu tar-reġistrazzjoni
Indirizz	AD	O	Dettall tal-messaġġ; id-destinazzjoni; "XNE" għan-NEAFC
Numru tas-Sekwenza	SQ	O ([1])	Dettall tal-messaġġ; in-numru tas-serje tal-messaġġ fis-sena attwali
Tip ta' Messaġġ	TM ([2])	O	Dettall tal-messaġġ; tip ta' messaġġ, "POS" bħala rapport/messaġġ tal-Pożizzjoni li għandu jiġi kkomunikat bil-VMS jew b'mezzi oħra minn bastimenti b'apparat għal sistema ta' sorveljanza bis-satellita li jkun difettuż
Kodiċi tar-radju	RC	O	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; kodiċi internazzjonali tar-radju tal-bastiment

▼B

Element tad-Dejta	Kodiċi	Obbligatorju /Fakultattiv	Rimarki
Numru tal-Vjaġġ	TN	F	Dettall tal-attività; in-numru tas-serje tal-vjaġġ tas-sajd fis-sena attwali
Isem il-Bastiment	NA	F	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; isem il-bastiment
Numru tar-reġistrazzjoni tal-flotta tal-Komunità (CFR)	IR	F	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment. Numru uniku tal-bastiment tal-Parti Kontraenti bħala Stat Membru (kodiċi alfa -3 ISO) segwit minn serje ta' identifikazzjoni (disa' karattri).
Numru Estern tar-Reġistrazzjoni	XR	F	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; in-numru tal-ġenb tal-bastiment jew in-numru tal-IMO fin-nuqqas tan-numru tal-ġenb
Latitudni	LA	O ([3])	Dettall tal-attività; pożizzjoni fil-ħin tat-trażmissjoni
Lonġitudni	LO	O ([3])	Dettall tal-attività; pożizzjoni fil-ħin tat-trażmissjoni
Latitudni (deċimali)	LT	O ([4])	Dettall tal-attività; pożizzjoni fil-ħin tat-trażmissjoni
Lonġitudni (deċimali)	LG	O ([4])	Dettall tal-attività; pożizzjoni fil-ħin tat-trażmissjoni
Veloċità	SP	O	Dettall tal-attività; il-veloċità tal-bastiment
Rotta	CO	O	Dettall tal-attività; id-direzzjoni tal-bastiment
Stat tal-Bandiera	FS	O ([5])	Dettall tal-attività; l-Istat tal-bandiera tal-bastiment
Data	DA	O	Dettall tal-messaġġ; data tat-trażmissjoni
Ħin	TI	O	Dettall tal-messaġġ; ħin tat-trażmissjoni
Tmiem tar-reġistrazzjoni	ER	O	Dettall tas-sistema; jindika t-tmiem tar-reġistrazzjoni

([1]) Fakultattiv fil-każ ta' messaġġ VMS
([2]) It-tip ta' messaġġ għandu jkun "ENT" għall-ewwel messaġġ VMS miż-Żona Regolatorja kif individwat mill-FMC tal-Parti Kontraenti. It-tip ta' messaġġ għandu jkun"EXI" għall-ewwel messaġġ VMS minn barra ż-Żona Regolatorja kif individwat mill-FMC tal-Parti Kontraenti, u l-valuri għal-latitudni u l-lonġitudni, f'dan it-tip ta' messaġġ huma fakultattivi.
It-tip ta' messaġġ għandu jkun "MAN" għar-rapporti kkomunikati minn bastimenti b'apparat għal sistema ta' sorveljanza bis-satellita li jkun difettuż flimkien mal-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 404/2011
([3]) Obbligatorju għall-messaġġi manwali
([4]) Obbligatorju għall-messaġġi VMS
([5]) Obbligatorju; għandu jintuża biss fi trażmissjonijiet bejn is-Segretarju tan-NEAFC u l-FMCs

6) **Ir-Rapport tal-"PORT tal-ħatt l-art"**

Element tad-Dejta	Kodiċi	Obbligatorju /Fakultattiv	Rimarki
Bidu tar-reġistrazzjoni	SR	O	Dettall tas-sistema; jindika l-bidu tar-reġistrazzjoni
Indirizz	AD	O	Dettall tal-messaġġ; destinazzjoni "XNE" għan-NEAFC
Numru tas-Sekwenza	SQ	O	Dettall tal-messaġġ; in-numru tas-serje tar-rapport mill-bastiment fis-sena rilevanti
Tip ta' Messaġġ	TM	O	Dettall tal-messaġġ; it-tip ta' messaġġ, "POR"
Kodiċi tar-radju	RC	O	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; kodiċi internazzjonali tar-radju tal-bastiment
Numru tal-Vjaġġ	TN	F	Dettall tal-attività; in-numru tas-serje tal-vjaġġ tas-sajd fis-sena attwali

▼B

Element tad-Dejta	Kodiċi	Obbligatorju /Fakultattiv	Rimarki
Isem il-Bastiment	NA	F	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; isem il-bastiment
Numru tar-reġistrazzjoni tal-flotta tal-Komunità (CFR)	IR	F	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment. Numru uniku tal-bastiment tal-Parti Kontraenti bħala Stat Membru (kodiċi alfa -3 ISO) segwit minn serje ta' identifikazzjoni (disa' karattri).
Numru Estern tar-Reġistrazzjoni	XR	F	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; in-numru tal-ġenb tal-bastiment jew in-numru tal-IMO fin-nuqqas tan-numru tal-ġenb
Latitudni	LA	O ([1])	Dettall tal-attività; pożizzjoni fil-ħin tat-trażmissjoni
Lonġitudni	LO	O ([1])	Dettall tal-attività; pożizzjoni fil-ħin tat-trażmissjoni
Stat Kostali	CS	O	Dettall tal-attività; l-istat kostali tal-Port tal-Ħatt l-Art
Isem il-Port	PO	O	Dettall tal-attività; isem il-Port tal-ħatt l-art
Data Prevista	PD	O	Dettall tal-attività; stima tad-data UTC meta l-kaptan biħsiebu jkun fil-port (SSSSXXJJ)
Ħin Previst	PT	O	Dettall tal-attività; stima tal-ħin UTC meta l-kaptan biħsiebu jkun fil-port (SSMM)
Kwantità li se tinħatt l-art speċi piż ħaj	KG	O	Dettall tal-attività; il-kwantità skont l-ispeċi li se tinħatt l-art, f'pari skont kif ikun meħtieġ. Il-kodiċi tal-FAO tal-ispeċijiet Piż ħaj f'kilogrammi, aġġustat għall-eqreb 100 kilogramma
Kwantità abbord speċi piż ħaj	OB	O	Dettall tal-attività; kwantità abbord skont l-ispeċi, f'pari skont kif ikun meħtieġ Il-kodiċi tal-FAO tal-ispeċijiet Piż ħaj f'kilogrammi, aġġustat għall-eqreb 100 kilogramma
Data	DA	O	Dettall tal-messaġġ; data UTC tat-trażmissjoni
Ħin	TI	O	Dettall tal-messaġġ; ħin UTC tat-trażmissjoni
Tmiem tar-reġistrazzjoni	ER	O	Dettall tas-sistema; jindika t-tmiem tar-reġistrazzjoni

([1]) Fakultattiv jekk il-bastiment huwa soġġett għal sistema ta' sorveljanza bis-satellita.

7) **Ir-Rapport tat-"THASSIR"**

Element tad-Dejta	Kodiċi	Obbligatorju /Fakultattiv	Rimarki
Bidu tar-reġistrazzjoni	SR	O	Dettall tas-sistema; jindika l-bidu tar-reġistrazzjoni
Minn	FR	O	Isem il-Parti li qed tittrażmetti
Indirizz	AD	O	Dettall tal-messaġġ; destinazzjoni "XNE" għan-NEAFC
Tip ta' Messaġġ	TM	O	Dettall tal-messaġġ; it-tip ta' messaġġ, "CAN" ([1]) għaliex huwa rapport tat-Thassir

▼B

Element tad-Dejta	Kodiċi	Obbligatorju /Fakultattiv	Rimarki
Kodiċi tar-radju	RC	O	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; kodiċi internazzjonali tar-radju tal-bastiment
Rapport imħassar	CR	O	Dettall tal-messaġġ; in-numru ta' reġistrazzjoni tar-rapport li għandu jitħassar
Sena tar-rapport imħassar	YR	O	Dettall tal-messaġġ; sena tar-rapport li għandu jitħassar
Data	DA	O	Dettall tal-messaġġ; data tat-trażmissjoni
Ħin	TI	O	Dettall tal-messaġġ; ħin tat-trażmissjoni
Tmiem tar-reġistrazzjoni	ER	O	Dettall tas-sistema; jindika t-tmiem tar-reġistrazzjoni


([1]) Rapport tat-Tħassir ma għandux jintuża biex jitħassar rapport ieħor tat-Tħassir


▼B

ANNESS IV

IDENTIFIKAZZJONI TAL-ISPEZZJONI

A. **Identifikazzjoni tal-ispetturi**





Il-karta għandha tkun 10 × 7 ċm, u tista' tkun laminata bil-plastik.


Il-kuluri tal-bandiera ta' spezzjoni tan-NEAFC huma indikati fl-Anness VI(B).

In-numru tal-karta jikkonsisti fil-kodiċi tal-pajjiż 3-alfa segwit minn numru tas-serje ta ' 4 numri sempliċi tal-Parti Kontraenti.


▼B

B. **Sinjal tal-ispezzjoni tan-NEAFC**

1. Żewġt ibnadar, waħda direttament fuq l-oħra, għandhom jittajru mal-ġurnata u f'kundizzjonijiet ta' viżibbiltà normali.



Id-distanza bejn il-bnadar ma għandhiex tkun ta' aktar minn metru.



2. L-inġenju għat-tlugħ abbord għandu juri bandiera waħda ta' spezzjoni kif indikat hawn fuq. Din il-bandiera tista' tkun ta' nofs skala. Il-bandiera tista' tinżebagħ fuq il-buq jew fuq kwalunkwe naħa vertikali tal-inġenju. Meta tinżebagħ, l-ittri suwed "NE" jistgħu jitħallew barra.

▼B

ANNESS V

NOTIFIKA TA' ATTIVITAJIET TA' SORVELJANZA U SPEZZJONI

A. **Rapport ta' dħul ta' inġenju ta' sorveljanza u spezzjoni fiż-Żona Regolatorja**

Element tad-Dejta	Kodiċi	Obbligatorju/ Fakultattiv	Rimarki
Bidu tar-reġistrazzjoni	SR	O	Dettall tas-sistema; jindika l-bidu tar-reġistrazzjoni
Indirizz	AD	O	Dettall tal-messaġġ; destinazzjoni “XNE” għan-NEAFC
Minn	FR	O	Dettall tal-messaġġ; l-indirizz tal-Parti Kontraenti li qed tittrażmetti
Numru tar-Reġistrazzjoni	RN	O	Dettall tal-messaġġ; in-numru tas-serje tal-messaġġ fissena attwali
Tip ta’ Messaġġ	TM	O	Dettall tal-messaġġ; tip ta' messaġġ, "SEN" bħala rapport ta' dħul ta' inġenju ta' sorveljanza fiż-Żona Regolatorja
Data tar-Reġistrazzjoni	RD	O	Dettall tal-messaġġ; data tat-trażmissjoni
Ħin tar-Reġistrazzjoni	RT	O	Dettall tal-messaġġ; ħin tat-trażmissjoni
Mezz ta' sorveljanza	MI	O	Dettall ta' sorveljanza; "VES" biex jindika bastiment, "AIR" biex jindika inġenju tal-ajru bi ġwienaħ fissi, "HEL" biex jindika ħelikopter
Kodiċi tar-radju	RC	O	Dettall ta' sorveljanza; Kodiċi internazzjonali tar-radju tal-inġenju ta' sorveljanza
ID tal-Ispetturi assenjati	AI	O	Dettall ta' sorveljanza; in-numru tal-karta tal-identità, ripetut skont kif ikun meħtieġ
Data	DA	O	Dettall ta' sorveljanza; data tad-dħul ([1])
Ħin	TI	O	Dettall ta' sorveljanza; ħin tad-dħul ([1])
Latitudni	LA	O	Dettall ta' sorveljanza; pożizzjoni fil-ħin tad-dħul ([1])
Lonġitudni	LO	O	Dettall ta' sorveljanza; pożizzjoni fil-ħin tad-dħul ([1])
Tmiem tar-reġistrazzjoni	ER	O	Dettall tas-sistema; Jindika t-tmiem tar-reġistrazzjoni

([1]) Jiġi stmat meta l-messaġġ jintbagħat qabel id-dħul tal-inġenju ta' sorveljanza

B. **Rapport ta' ħruġ ta' inġenju ta' sorveljanza u spezzjoni miż-Żona Regolatorja**

Element tad-Dejta	Kodiċi	Obbligatorju/ Fakultattiv	Rimarki
Bidu tar-reġistrazzjoni	SR	O	Dettall tas-sistema; jindika l-bidu tar-reġistrazzjoni
Indirizz	AD	O	Dettall tal-messaġġ; destinazzjoni “XNE” għan-NEAFC
Minn	FR	O	Dettall tal-messaġġ; l-indirizz tal-Parti Kontraenti li qed tittrażmetti
Numru tar-Reġistrazzjoni	RN	O	Dettall tal-messaġġ; in-numru tas-serje tal-messaġġ fissena attwali
Tip ta’ Messaġġ	TM	O	Dettall tal-messaġġ; tip ta' messaġġ, "SEX" bħala rapport ta' ħruġ ta' inġenju ta' sorveljanza fiż-Żona Regolatorja
Data tar-Reġistrazzjoni	RD	O	Dettall tal-messaġġ; data tat-trażmissjoni

▼B

Element tad-Dejta	Kodiċi	Obbligatorju/ Fakultattiv	Rimarki
Ħin tar-Reġistrazzjoni	RT	O	Dettall tal-messaġġ; ħin tat-trażmissjoni
Mezz ta' sorveljanza	MI	O	Dettall ta' sorveljanza; "VES" biex jindika bastiment, "AIR" biex jindika inġenju tal-ajru bi ġwienaħ fissi, "HEL" biex jindika ħelikopter
Kodiċi tar-radju	RC	O	Dettall ta' sorveljanza; Kodiċi internazzjonali tar-radju tal-inġenju ta' sorveljanza
Data	DA	O	Dettall ta' sorveljanza; data tal-ħruġ ([1])
Ħin	TI	O	Dettall ta' sorveljanza; ħin tal-ħruġ ([1])
Latitudni	LA	O	Dettall ta' sorveljanza; pożizzjoni fil-ħin tal-ħruġ ([1])
Lonġitudni	LO	O	Dettall ta' sorveljanza; pożizzjoni fil-ħin tal-ħruġ ([1])
Tmiem tar-reġistrazzjoni	ER	O	Dettalji tas-sistema; Jindika t-tmiem tar-reġistrazzjoni

([1]) L-istess bħad-dettall ta' sorveljanza stmat fil-messaġġ SEN meta dak il-messaġġ ikun qed jitħassar

▼B

ANNESS VI

RAPPORTI TA' SORVELJANZA U AVVISTAMENT

A. **Rapport ta' avvistament tan-NEAFC**

Element tad-Dejta	Kodiċi	Obbligatorju /Fakultattiv	Rimarki
Bidu tar-reġistrazzjoni	SR	O	Dettall tas-sistema; jindika l-bidu tar-reġistrazzjoni
Indirizz	AD	O	Dettall tal-messaġġ; destinazzjoni "XNE" għan-NEAFC
Minn	FR	O	Dettall tal-messaġġ; indirizz tal-parti li qed tittrażmetti (il-Parti Kontraenti)
Numru tar-Reġistrazzjoni	RN	O	Dettall tal-messaġġ; in-numru tas-serje fis-sena attwali
Tip ta' Messaġġ	TM	O	Dettall tal-messaġġ; tip ta' messaġġ, "OBS" bħala rapport ta' Osservazzjoni
Kodiċi tar-radju	RC	O	Dettall ta' sorveljanza; kodiċi internazzjonali tar-radju tal-bastiment ta' sorveljanza
Data tar-Reġistrazzjoni	RD	O	Dettall tal-messaġġ; data tat-trażmissjoni
Ħin tar-Reġistrazzjoni	RT	O	Dettall tal-messaġġ; ħin tat-trażmissjoni
Numru tas-Serje tal-Osservazzjoni	OS	O	Dettall ta' sorveljanza; numru tas-serje tal-osservazzjoni
Data	DA	O	Dettall ta' sorveljanza; data meta ġie avvistat il-bastiment
Ħin	TI	O	Dettall ta' sorveljanza; ħin meta ġie avvistat il-bastiment
Latitudni	LA	O	Dettall ta' sorveljanza; il-latitudni meta ġie avvistat il-bastiment
Lonġitudni	LO	O	Dettall ta' sorveljanza; il-lonġitudni fejn ġie avvistat il-bastiment
Identifikazzjoni tal-Oġġett	OI	O	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; kodiċi tar-radju tal-bastiment avvistat
Numru Estern tar-Reġistrazzjoni	XR	O	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; in-numru tal-ġenb tal-bastiment avvistat jew in-numru tal-IMO fin-nuqqas tan-numru tal-ġenb
Isem il-Bastiment	NA	F	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; isem il-bastiment avvistat
Stat tal-Bandiera	FS	O	Dettall tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; l-Istat tal-bandiera tal-bastiment avvistat
Tip ta' Bastiment	TP	F	Karatteristiċi tal-bastiment; tip tal-bastiment avvistat
Veloċità	SP	F	Dettall ta' sorveljanza; veloċità tal-bastiment avvistat
Rotta	CO	F	Dettall ta' sorveljanza; direzzjoni tal-bastiment avvistat
Attività	AC	O	Dettall ta' sorveljanza; attività tal-bastiment avvistat l-Anness XI(B)
Ritratt	PH	O	Dettall ta' sorveljanza; ittieħed ritratt tal-bastiment avvistat, "IVA" jew "LE"
Kummenti	MS	F	Dettall ta' sorveljanza; kummenti ġenerali biex jiġi kkompletat ir-rapport
Tmiem tar-reġistrazzjoni	ER	O	Dettall tas-sistema; jindika t-tmiem ta' reġistrazzjoni individwali

L-identifikazzjoni pożittiva tista' tinkiseb biss permezz ta' verifika viżwali tal-Kodiċi tar-Radju jew tan-Numru ta' Reġistrazzjoni Estern li jidher fuq il-bastiment.
Jekk l-identifikazzjoni pożittiva ma tkunx possibbli r-raġuni għandha tiġi speċifikata fl-ispazju tal-kummenti.

▼B

B. **Rapport ta' sorveljanza tan-NEAFC**

PARTI KONTRAENTI	BASTIMENT TA' SPEZZJONI ASSENJAT:	TIP .....
		KODIĊI TAS-SEJĦA .....
		REFERENZA TAN-NEAFC .....
SPETTURI ASSENJATI:	ISEM	REFERENZA TAN-NEAFC .....
	ISEM	REFERENZA TAN-NEAFC .....

A. GĦASSA

A1	**BIDU TAL-GĦASSA FIŻ-ŻONA REGOLATORJA**:	DATA	ĦIN	UTC	LATITUDNI	LONĠITUDNI	
A2	**TMIEM TAL-GĦASSA FIŻ-ŻONA REGOLATORJA**:	DATA	ĦIN	UTC	LATITUDNI	LONĠITUDNI	
A3	**TAGĦMIR UŻAT BIEX TIĠI DDETERMINATA L-POŻIZZJONI**:						

B. OSSERVAZZJONIJIET

B1	B2	B3	B4		B5	B6	B7	B8	B9	B10	B11	B12
Nru	Data	Ħin UTC	Pożizzjoni		Bastiment avvistat ([1])	IRCS/ marka esterna	Stat tal-Bandiera	Direzzjoni/ Veloċità	Tip ta' Bastiment	Attività	Ritratt Nru	Kontravenzjoni jew Osservazzjoni
			Latitudni	Longitudni								

Firma tal-Ispettur(i) awtorizzat(i) ....

Firma .....

([1]) Identifikazzjoni (isem/numru)

▼B

ANNESS VII

RAPPORT TAN-NEAFC DWAR L-ISPEZZJONIJIET

PARTI KONTRAENTI:		.....
BASTIMENT TA' SPEZZJONI ASSENJAT:	ISEM	.....
	NUMRU TA' REĠISTRAZZJONI	.....
	KODIĊI	.....
	REFERENZA TAN-NEAFC	.....
SPETTURI ASSENJATI:	ISEM	.....
	REFERENZA TAN-NEAFC	.....
	ISEM	.....
	REFERENZA TAN-NEAFC	.....

PARTI A. IDENTIFIKAZZJONI TAL-BASTIMENT SPEZZJONAT

A.1.1. Numru IMO	A.6. Stat tal-Bandiera .....
A.1.2. Il-Kodiċi Internazzjonali tar-Radju	A.7. Isem il-Kaptan u l-Indirizz tiegħu .....
A.1.3. Isem il-bastiment	.....
A.2. Numru Estern tar-Reġistrazzjoni	.....
A.3. Tip ta' Bastiment	A.8. Attività tal-Bastiment .....
A.4. Pożizzjoni tal-Ispezzjoni ddeterminata mill-bastiment ta' spezzjoni DATA ..... ĦIN ..... UTC Latitudni ..... Longitudni	A.9. Pożizzjoni tal-Ispezzjoni ddeterminata mill-bastiment spezzjonat DATA ..... ĦIN ..... UTC Latitudni ..... Longitudni .....
A.5. Tagħmir użat sabiex tiġi ddeterminata l-pożizzjoni	A.10. Tagħmir użat sabiex tiġi ddeterminata l-pożizzjoni .....

Osservazzjonijiet mill-ispetturi, jekk ikun hemm: .....

.....

.....

..... inizjali: .....

▼B

PARTI B. VERIFIKA ([1])

B.1. **Dokumentazzjoni tal-Bastiment** **Iċċekkjata: IVA/LE**

B.1.1. Awtorizzazzjoni għas-sajd fiż-Żona Regolatorja taN-NEAFC:			IVA/LE
B.1.2. Awtorizzazzjoni għas-sajd tar-riżorsi regolati li ġejjin: …			
B.1.3. Fejn hu xieraq,	IVA/LE	Tpinġija jew deskrizzjoni ċċertifikata tal-istiva tal-ħut abbord:	IVA/LE
B.1.4. Fejn hu xieraq,	IVA/LE	Tpinġija jew deskrizzjoni ċċertifikata tat-tankijiet friġġ tal-ilma baħar li jinżammu abbord:	IVA/LE
B.1.5. Fejn hu xieraq,	IVA/LE	Tabelli ta' Kalibrazzjoni ċċertifikati tat-tankijiet friġġ tal-ilma baħar li jinżammu abbord:	IVA/LE

Osservazzjonijiet mill-ispetturi, jekk ikun hemm:

....

....

..... inizjali ....

B.2. **Rappurtar tal-movimenti tal-bastimenti / VMS** **Iċċekkjata: IVA/LE**

B.2.1. VJAĠĠ TAS-SAJD			*B.2.2. RAPPORTI / VMS*	
	Wasla fiż-Żona Regolatorja taN-NEAFC	L-aħħar pożizzjoni kkomunikata	Transponder VMS installat	IVA/LE
			Sistema tal-VMS operattiva	IVA/LE
Data			Ir-rapporti qed jiġu kkomunikati	IVA/LE – Jekk Iva, innota:
Ħin			☐ (a) Rapport tal-Qabda mad-Dħul	data: .....
Lonġitudni			☐ (b) Rapport tal-qabda kull ġimgħa	data: .....
Latitudni			☐ (c) Trażbord	data: .....
